# L-Irvell ta' 100 sena ilu inkluż f'Ħal Qormi

**b'kummenti ta' Francis Cassar**
**minn Oliver Cassar**



Din is-sena jaħbat il-100 sena anniversarju mill-irvellijiet magħrufa bħala tas-Sette Giugno. Iżda dwar dan is-suġġett, sfortunatament, xi wħud sikwit jaslu għal konklużjonijiet ħżiena bħal fil-każ tan-numru tal-vittmi Maltin, li bħala minimu ċertament kienu sitta, bl-aħħar vittma Francesco Darmanin imut ġimgħat wara f'istitut psikjatriku b'riżultat ta' trawma wara l-arrest, fost l-oħrajn. Aktar ma' dan, bosta jaħsbu wkoll li l-irvell kien biss fuq jum wieħed u li seħħ biss fil-Belt Valletta meta fil-verità, il-ġrajja kienet mifruxa fuq numru ta' jiem u b'episodji wkoll f'lokalitajiet oħra f'Malta bħal Ħal Qormi, il-Ħamrun, ir-Rabat u ż-Żejtun, fost l-oħrajn.

*Meta spiċċat il-gwerra fl-1918 u tħabbru bosta sensji, il-poplu ġie verament dahru mal-ħajt*

Dwar dan is-suġġett kont diġà ktibt artiklu fil-fuljett tal-festa tal-Għaqda Armar (2012) li kien jinkludi raġunijiet varji fost kategoriji differenti tal-poplu u li wasslu għall-irvellijiet. L-artiklu preċedenti jgħid li f'Malta kien hawn faqar kbir tant li l-poplu ċċelebra l-bidu tal-Ewwel Gwerra fl-1914 b'marċi spontanji fit-toroq tal-Belt Valletta, għax il-gwerra kienet tfisser aktar xogħol fil-port u impjiegi ġodda. Iżda għalkemm żdiedu l-impjiegi fil-port kif ukoll f'diversi sptarijiet, il-pagi kienu baxxi wisq biex familja tlaħħaq mal-ħajja. Konsegwentement, meta spiċċat il-gwerra fl-1918 u tħabbru bosta sensji, il-poplu ġie verament dahru mal-ħajt.

Hawn irridu niftakru li l-ekonomija lokali kienet batuta għal dawk li ma kinux jiddependu mill-agrikoltura jew sajd, u f'pajjiż xott, l-agrikoltura ma kinitx ingħatat l-importanza mistħoqqa mill-awtoritajiet Ingliżi. B'hekk bħala eżempju, il-vinikultura ftit li xejn kienet żviluppata bħala kontributur tal-ekonomija lokali, u l-1919 għadha fost l-istudjużi meqjusa bħala sena sinonima mal-marda tal-Phylloxera fost id-dwieli lokali. Mill-att soċjali, jista' jkun ukoll li hemm konnessjoni bejn l-istess faqar fost il-poplu u l-fatt li bejn Settembru 1918 u Marzu 1919 f'Malta kienu mietu madwar 651 persuna b'kaġun

tal-influwenza Spanjola.

Meta fl-2012 kont għamilt riċerka dwar dan is-suġġett, kont sorpriż li sibt żewġ persuni Qriema, li separatament jgħidu li l-familji rispettivi kienu jgħidulhom li għalkemm l-irvell tal-1919 huwa magħruf bħala t-tort ta' prezz għoli tal-ħobż, ir-raġuni krucjali jgħidu li kienet l-iskarsezza tal-patata. Irridu ngħidu li f'dak il-perjodu l-importazzjoni ta' prodotti bħad-dqiq kienet bi prezz għoli. Dan għaliex il-kummerċ marittimu kien għadu f'theddida minn mini (mines) li ħallew il-Ġermaniżi waqt il-gwerra. B'hekk minħabba nuqqas ta' dqiq, flimkien mal-għaġna tal-ħobż, kienet sikwit titħallat ukoll il-patata. Iżda gradwalment l-awtoritajiet bdew ukoll jirrazzjonaw il-patata fost l-oħrajn.

*Dik li kellha tkun dimostrazzjoni spiċċat f'irvell u protesti li bdew meta xi persuni ċarrtu bnadar Ingliżi*

Il-faqar kbir, kien għal ċertu familji bil-wisq ħafna aktar milli għal oħrajn u fost il-ġurnali, jispikka artiklu fil-ħarġa tal-ġurnal 'Unioni Maltija' datata 22 ta' Marzu 1919 u miktub minn ċertu Gian Felic Inglott. Dan l-artikolista jikteb: "Bħala tabib li nidħol kullimkien, saħansitra fl-aktar gabubi miżerabbli fejn jinġabar il-faqar, nista' ngħid li smajt b'widnejja trabi jgħidu lil ommhom, 'Ma bil-ġuħ'! Din l-għajta hija xafra mikwija f'qalb dik l-omm li bid-dmugħ f'għajnejha qaltilhom, m'għandix ħobż x'nagħtikom... Dawn ix-xeni aħna t-tobba narawhom kuljum, iżda ma jarahomx dak li huwa fil-għoli u li ma jgħixux ma' dawk li jixtru bid-dejn...".

It-tensjoni eskalat hekk kif intqal li se jiġu introdotti taxxi ġodda. Iżda b'kuntrast, il-ħajja f'lokalitajiet lil hinn mill-port kompliet u bħala eżempju ta' dan, f'April 1919, f'Għawdex, kienet varata l-pjanta għall-knisja monumentali magħrufa bħala Ta' Pinu, li x-xogħol tagħha beda ftit xhur wara. Fil-każ ta' Ħal Qormi f'dawk is-snin kienu żdiedu sew ir-residenti, u dan darba bosta kienu fittxew propjetà eqreb għall-port li minnu bdew jakkwistaw il-'ħobża ta' kuljum'. Iżda għalkemm għal diversi msejkna bħallikieku l-ħajja waqfet mas-sensji ta' wara l-gwerra, xi oħrajn kienu aktar mehdija f'entità għall-festi esterni li uffiċjalment twaqqfet nhar id-29 ta' Ġunju 1919.

B'danakollu kienu bosta li nhar is-Sibt, 7 Ġunju 1919 daħlu l-Belt biex jagħtu appoġġ lill-Assemblea Nazzjonali li kienet se tiltaqa' biex tiddiskuti talbiet formali lill-awtoritajiet Ingliżi u wara xhur ta' qtigħ il-qalb, dik li kellha tkun dimostrazzjoni spiċċat f'irvell u protesti li bdew meta xi persuni ċarrtu bnadar Ingliżi li kienu fuq jew ma' xi binjiet partikolari. L-għada l-Ħadd, l-inkwiet infirex f'xi rħula oħra, u fost l-oħrajn folla ta' madwar 600 persuna, l-aktar residenti mill-Ħamrun u Ħal Qormi, ħabtu għall-imtieħen ta' Farrugia u dik ta' Francia fil-Ħamrun. Dan filwaqt li xi persuni nġemgħu wkoll fejn il-mitħna ta' Cassar Torreggiani fil-Marsa, iżda f'dak il-każ il-binja kienet protetta mill-ħaddiema li qasmu xkejjer tad-dqiq fost dawk miġbura.

*L-irvellijiet f'Ħal Qormi fl-1919 jistgħu ikollhom konnessjonijiet li indirettament jikkonċernaw l-istorja tal-Każin Pinto*

Skont l-okkorrenza fl-għassa tal-pulizija f'Ħal Qormi jingħad li nhar it-Tlieta 10 ta' Ġunju 1919, folla

ta' madwar 800 persuna kienu nġemgħu aktarx biex jaħbtu fost l-oħrajn għar-residenza ta' Giorgio Abela mlaqqam Ta' Feliċa f'numru 219, Triq il-Vittorja, u li kien importatur kif ukoll sid ta' ħanut tal-merċa. Dwar dan l-episodju partikolari, riċentement iltqajt ma' ċertu Francis Cassar, pensjonant, li għadu jgħallem fl-iskola tal-Arti fi Strada Forni l-Belt Valletta. Francis Cassar qasam miegħi bosta informazzjoni, minn rakkonti li kienu jgħidulu z-zijiet tiegħu, kif ukoll ommu Maria Concetta Cassar nèe Abela li twieldet fl-1918, u li kienet l-iżgħar wild ta' Giorgio Abela.



*Ritratt tad-dar ta' Indrin Abela fi Triq San Sebastjan*

**Indri Abela u l-Banda Pinto**

Francis Cassar esebixxa karti li juru li l-irvellijiet f'Ħal Qormi fl-1919 jistgħu ikollhom konnessjonijiet li indirettament jikkonċernaw l-istorja tal-Każin Pinto, u li forsi f'dawk is-snin jista' jkun kien hemm riżentement lejn il-familjari ta' ċertu Indri Abela (missier Giorgio Abela) minn xi Qriema fosthom Ġużè Muscat Azzopardi, li kien mhux biss attiv fil-Każin Pinto, iżda wkoll attiv politikament u membru tal-Assemblea Nazzjonali. L-istorja taf il-bidu tagħha meta fl-1889, ċertu Indri kien sar fundatur ta' każin soċjali fi Triq il-Kbira f'Ħal Qormi, u li b'xi mod spiċċa f'xi argumenti ma' dik li kienet diġà magħrufa bħala l-Banda Pinto. Iżda konsegwentement il-Banda Pinto bdiet tuża l-post ta' Abela fi Triq il-Kbira bħala s-sede tagħha.

Iżda fl-1906 qamet kwistjoni bejn il-President Antonio Muscat Fenech u Indri Abela li f'dak iż-żmien kien jokkupa l-kariga ta' Viċi President, dwar l-għażla tad-direttur mużikali tal-banda. Konsegwentement, il-President irriżenja filwaqt li l-parti l-kbira tal-bandisti u s-soċi tal-Banda Pinto marru fi propjetà oħra bħala każin hekk imlaqqam bħala 'Tal-Qalba' u b'Ġużè Muscat Azzopardi bħala President. Dan filwaqt li Abela żamm il-każin fi Triq il-Kbira, u li fih bdiet tiltaqa' l-Banda Pinto magħrufa bħala 'Taz-Zokk'. Dan il-konflitt wassal għall-kawża fil-Qorti dwar min kellu d-dritt li jżomm l-isem ta' Banda Pinto, liema kawża ntrebħet minn 'Tal-Qalba' u b'hekk f'qasir żmien il-banda 'Taz-Zokk' xoljiet. Indri miet fl-1912 aktarx fl-età ta' 75 sena.

**Giorgio Abela (1865-1950)**

Francis Cassar jirrakkonta li oriġinarjament Giorgio Abela kien iżżewweġ lil ċertu Ġovanna Farrugia mill-Marsa u li flimkien kienu jirrisjedu mal-ġenituri ta' Giorgio, Indri u Feliċita Abela nèe Borg, li skontu kienu Żebbuġin. Minn isem l-omm jaf ukoll l-oriġini tiegħu l-laqam Ta' Feliċa u minn dan iż-żwieġ kienu twieldu tlett itfal fosthom in-nannu ta' George Abela, President Emeritu tar-Repubblika. Ġara iżda li l-ewwel mara ta' Giorgio mietet fl-1892 fl-età ta' 28 sena u fl-1894 Giorgio żżewweġ lil ċertu Marjanna Spiteri u minn dan it-tieni żwieġ twieldu għaxar ulied fosthom l-iżgħar wild tagħhom Maria Concetta, omm Francis Cassar.

Meta fl-1894 Giorgio żżewweġ lil Marjanna, kienu wkoll xtraw il-propjetà, dak iż-

żmien f'numru 219 ta' Triq il-Vittorja, dar li kienet tinkorpora mal-20 kamra u li oriġinarjament kien bnieha kif ukoll jirrisjedi fiha flimkien ma' ħutu ċertu Dun Salv Muscat li kien miet fl-1890. Dan Dun Salv kien iz-ziju ta' Muscat Azzopardi, li b'xi mod hawn nistgħu forsi nispekolaw li r-relazzjoni bejn Muscat Azzopardi u Giorgio Abela kienet oriġinarjament waħda tajba. Kien f'din il-propjetà fi Triq il-Vittorja fejn fl-1947 twieled Francis Cassar bħala l-iżgħar wild ta' Michael Cassar u Maria Concetta nèe Abela, l-iżgħar wild tal-koppja Giorgio u Marjanna Abela.



*Giorgio Abela*





*Label ta' prodott minn ta' Abela b'indirizz tiegħu fi Triq Il-Vitorja*

**Il-ġrajjiet tal-1919**

Lura għall-ġrajjiet tas-Sette Giugno, Francis Cassar jirrakkonta li wara xi inkwiet fil-Ħamrun, xi nies bdew jgħajtu "għal għand Ta' Feliċa...". B'hekk xi persuni laħqu infurmaw b'dan lil Giorgio Abela li mbarra l-bibien tal-propjetà, tlieta li jagħtu għal Triq il-Vittorja u tnejn li jagħtu għal Triq San Rafel, filwaqt li martu Marjanna ħadet ħsieb it-tfal li flimkien telgħu fuq il-bejt. Dan filwaqt li Francis ma jeskludix li nannuh Giorgio, ipprepara wkoll kif jista' jiddefendi l-familja f'każ li xi persuni jirnexxielhom jidħlu fid-dar. Iżda dan ma kienx il-każ, minħabba li hekk kif jidher mill-okkorrenza fl-għassa tal-pulizija ta' Ħal Qormi, għal nhar it-Tlieta, 10 ta' Ġunju 1919, il-pulizija u l-militar armat kienu ferrxu l-ġemgħa.

Iżda skont Francis Cassar, filwaqt li fit-triq kien hemm xi membri tal-kavallerija jferrxu l-folla, xi persuni xorta rnexxielhom jitfgħu ġebel fid-direzzjoni tal-aperturi tad-dar, b'mod li diversi ħġieġ fil-faċċata tkisser. Dan, probabbilment, wassal biex Giorgio Abela ħareġ fil-gallarija ta' Triq il-Vittorja. Meta mistoqsi dwar x'kienu jgħidu l-membri tal-familja tiegħu fir-rigward il-folla dakinhar fi Triq il-Vittorja, Francis għażel li ma jagħtix dettalji, u dan darba skontu, familjari tagħhom bl-istess laqmijiet



*Ritratt tad-dar ta' Giorgio Abela fi Triq Il-Vitorja*

għadhom magħrufa sew illum f'Ħal Qormi. Iżda bi tbissima forsi sarkastika, huwa jirrakkonta għanja li xi persuni jidher li għal diversi snin, kienu bħal jinbxu biha lill-familja Abela. L-għanja tgħid:

X'għamlulu lil Ġorġ ta' Feliċa
Qasmulu rasu salib,
Mananni ħarġet tgħajjat,
Fittxu iġru għat-tabib...

*Wara xi nkwiet fil-Ħamrun, xi nies bdew jgħajtu "għal għand Ta' Feliċa"*

**Konklużjoni**

Filwaqt li llum il-ġrajjiet relatati mas-Sette Giugno tal-1919 huma mfakkra bħala Jum Nazzjonali u vittmi meqjusa bħala eroj, Frans Cassar ma jarax element patrijottiku f'din il-ġrajja. Skont Frans Cassar, l-irvellijiet tas-Sette Giugno kienu "skuża banali..." darba skontu, wara kull gwerra jiġi l-għaks. Dan filwaqt li huwa jsemmi li bħalma kien hawn faqar fl-1919 wara l-ewwel gwerra, l-istess ġara fis-snin wara t-tieni waħda fejn inkluż familtu kienet emigrat l-Awstralja għal xi xhur.

Frans jgħid li nannuh kien mexa fuq il-passi ta' missieru Indri bħala negozju, iżda li qatt ma tratta lil ħadd b'mod mhux xieraq. Iżda b'sens ta' diqa jirrikonoxxi li "il-ġuħ iwassal għalkollox..." Skont Frans Cassar, nannuh kien benefattur f'xi opri tal-arti fil-Knisja tal-Vittorja, kif ukoll ħallas għal xi anġli bħala armar fil-festa ta' San Ġorġ. Jidher li bħal fil-każ ta' Indri, ibnu Giorgio wkoll kellu involviment ċiviku inkluż f'dik li hija mħabba lejn il-banda, iżda wara x-xoljiment tal-banda (Pinto) 'Taz-Zokk', il-familja Abela kienet saret qrib il-Banda San Ġorġ. Dan meta skont Frans Cassar, sa ftit ilu kien għad hemm ritratt ta' Giorgio Abela f'waħda mis-swali tal-każin Ġorġjan.

Giorgio Abela miet fl-1950 fl-età ta' 84 sena u wara l-mewt tiegħu il-post fi Triq il-Vittorja ġie mikri lill-Gvern biex jintuża mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, posta u bħala uffiċċju ta' nutar. Konsegwentement, id-dar matrimonjali ta' Giorgio Abela u Marjanna nèe Spiteri, inkluż il-parti ta' fuq wara fi Triq San Rafel, inbiegħet mill-werrieta tagħhom fl-1999 għas-somma ta' Lm78,000. Parti minn din l-istess propjetà fi Triq il-Vittorja serviet għal xi snin bħala d-dar tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi filwaqt li llum qed tintuża wkoll bħala Tribunal Reġjonali li l-aċċess tiegħu huwa mill-bieb prinċipali tal-binja, illum b'numru 392, Triq il-Vittorja (Ir-Rebħa).

**Referenzi:**


Cassar Oliver (2012) The June 1919 Riots (Teżi mhux ippubblikata); Fakultà tal-Kriminoloġija – Università ta' Malta.

Cassar Oliver (2012) Is-Sette Giugno...mill-Belt Valletta għall-Ħamrun u Ħal Qormi; Ktieb tal-Festa; Għaqda Armar San Sebastjan.

Schembri, Joachim Fr. (1998) Id-dar tal-Kunsill Lokali Qormi; Kunsill Lokali Qormi.